# 15. L-Għasafar tal-Bejt

Kif kienu għaddejjin fil-għoli safi
raw ħabel twil ta' ful, aħdar, għammieli;
niżlu malajr, u b'ħerqa liema bħalha
bdew jiflu 'l hawn u 'l hemm tal-ful ix-xtieli;

U minn kull xitla bdew inaqqu u joqtlu
id-dud qerried; u xejn tar-riħ il-fewġa
ma għamlet biex taqlibhom minn kull xitla,
għaliex perpru ġwenħajhom ma' kull mewġa;

U x'ħin għajjew għal triqthom reġgħu taru,
li wettqu ferħanin għamil ta' ħniena;
u hekk kull xitla li naqqew dlonk tqalet
b'imżiewed mimlijin xħin wasal żmienha.

Ħlejqiet tal-għoli safi! jalla ġenskom
fuq wiċċ di' l-art dlonk jibqa' u ma jintemmx,
iżda jitkattar u jitkattar dejjem
sakemm fis-sema tibqa' tiddi x-xemx!